# l-aċċent

Ħarġa nru 3
Ġunju 2010

Id-Dipartiment tal-Ilsien Malti tal-Kummissjoni Ewropea

WERREJ

| | |
|---|---|
| **Bir-reqqa: Il-lingwa miktuba** | **1** |
| • Il-Passiv: ejjew ma nkunux passivi! | 1 |
| • Bil-Kelma t-Tajba | 2 |
| **Kelma b'kelma: It-terminoloġija** | **3** |
| • Retail/Wholesale | 3 |
| • Is-sustanzi kimiċi x'se nagħmlu dwarhom? | 5 |
| • Il-Lvant tal-Mediterran jew il-Mediterran tal-Lvant? | 7 |
| **Mill-għatba 'l barra: Aspetti oħra** | **9** |
| • Ħarsa lejn il-lingwa Maltija – L-*International Programme in Maltese Linguistics (2010)* | 9 |
| • Analiżi ta' testi tradotti | 9 |
| • L-iċken tnejn | 10 |
| **Tisliba kriptika** | **12** |

*Bi pjaċir qed inwasslulkom it-tielet ħarġa ta'* l-aċċent*. Se ssibu artikli dwar aspetti lingwistiċi u terminoloġiċi, kif ukoll tliet rapporti ta' attivitajiet marbuta ma' lsienna u l-użu tiegħu fit-taħdit u fil-kitba.*

*Meta niftakru li sa disgħin sena ilu l-Malti kien għad ma kellux alfabett standard, bilfors nagħrfu kemm imxejna 'l quddiem fil-promozzjoni tal-kitba bil-Malti u l-istudju lingwistiku.*

*B'dan il-bulettin nittamaw li qed jirnexxilna nagħtu sehemna biex fil-limiti tagħna nipparteċipaw fl-iżvilupp ta' din il-lingwa li ngħożżu.*

Il-Bord Editorjali

## BIR-REQQA
### *Il-lingwa miktuba*

**Il-Passiv: ejjew ma nkunux passivi!**
Louise Vella

Meta l-kelliem irid jagħti prominenza lill-**aġent** (dak li jikkawża s-sitwazzjoni) aktarx juża sentenza **attiva**, imma biex jagħti prominenza lill-**pazjent** (dak li 'jsofri' l-effett), aktarx juża l-**passiv**. Fil-każijiet fejn fis-sentenza fl-ilsien oriġinali għandna l-*by phrase* — l-indikazzjoni ta' minn min qed issir l-azzjoni — ninnutaw li, kuntrarju għal dak li spiss niltaqgħu miegħu fid-dokumenti oriġinali bl-Ingliż jew bil-Franċiż, fil-Malti l-attiv jesprimi lingwaġġ ħafna aktar naturali. Ejjew nieħdu sentenza bil-*by phrase* fil-passiv, u mbagħad nesprimu l-istess tifsira tagħha fil-forma attiva:

EN (forma passiva): **The list <u>was submitted by</u> the Member State in 2004.**

MT (forma passiva): **Il-lista <u>tressqet mill-</u>Istat Membru fl-2004.**

MT (forma attiva): **L-Istat Membru <u>ressaq</u> il-lista fl-2004.**

Madankollu, biex nesprimu l-aġent b'Malti mexxej (jiġifieri mhux il-Malti mqanżaħ jew sfurzat artifiċjalment) nużaw fil-fatt kostruzzjoni oħra, il-psewdopassiv. Din tinvolvi sentenza **attiva,** mibdula xi ftit biex tiġi tixbah il-kostruzzjoni passiva bis-saħħa ta' mekkaniżmu lingwistiku msejjaħ **it-topikalizzazzjoni**. Qabbel sentenza li l-binja tagħha aħna lkoll midħla tagħha, eż. *It-tabib, il-familja afdatu bil-każ* mal-verżjoni 'mġebbda' *It-tabib ġie afdat bil-każ mill-familja*. Jiġifieri, jekk nieħdu l-eżempju ta' hawn fuq u rridu nagħtu importanza lill-oġġett tal-azzjoni, nistgħu faċilment nużaw it-topikalizzazzjoni:

**Il-lista, l-Istat Membru ressaqha fl-2004.**

Iżda meta fis-sentenza m'hemmx il-*by phrase*, dak li għedna dwar li l-Malti jippreferi l-forma grammatikali attiva, ma japplikax.

*Kien ippubblikat u ġie ppubblikat mhumiex xorta*

Jiġri li fin-nuqqas tal-*by-phrase*, it-traduzzjoni attiva tal-passiv ma ssirx u l-użu tal-passiv huwa inevitabbli. Iżda teżisti d-differenza bejn il-**passiv morfoloġiku**, l-iktar bil-ħames, is-sitt u s-seba' forma tal-verb — ngħidu aħna, **Il-fajl *tqiegħed*** (VI) **fuq il-mejda u *tressaq*** (V) **għad-diskussjoni wara li *nqara*** (VII) — u dak **sintattiku** — bl-użu tal-**parteċipju passiv** flimkien ma' wieħed minn dawn il-verbi: *kien, ġie* jew *safa*.

Jista' jkun li ħafna drabi dawn nużawhom bla ma nagħżlu bejniethom, imma fil-fatt ifissru differenti. Il-passiv b'*kien* (il-passiv sintattiku) għandu tifsira **statika**, waqt li l-passiv biż-żewġ verbi l-oħra (*ġie* jew *safa*) għandu tifsira **dinamika**. Altru tgħid:

*Fir-raħal, it-tabib kien afdat ħafna*

u altru tirrimarka:

*F'din il-kriżi familjari, it-tabib ġie afdat bil-każ.*

Tal-ewwel qed tiddeskrivi sitwazzjoni statika li ttul, waqt li t-tieni waħda qed tirreferi għal każ partikolari. Fil-passiv morfoloġiku din id-distinzjoni ma sseħħx.

**"Il-kwistjoni kienet diskussa ħafna":**
tifsira statika + sitwazzjoni statika li ttul
imma
**"Il-kwistjoni ġiet diskussa ħafna drabi":**
tifsira dinamika + każ(ijiet) partikulari

*Ħajr lill-Prof. Albert Borg, li kien tratta din il-kwistjoni fix-xogħol tiegħu* **Ilsienna** *(1988), u li kkonsultajt ħafna miegħu biex nikteb dan l-artiklu.*

~●~

**Bil-Kelma t-Tajba**
Manwel Mifsud

Servizz tal-Kunsill
Nazzjonali tal-Ilsien Malti

MISTOQSIJA:
Għaliex daqqa nsib miktub **tiela'** u daqqa **tielgħa**, daqqa **mxebba'** u daqqa **mxebbgħa**? Jaqaw dawn varjanti u tikteb liema waħda trid?

TWEĠIBA:
Assolutament le. Jeżistu t-tnejn, jinstemgħu l-istess, imma ma tistax tużahom flok xulxin, għax tal-ewwel hija l-maskil u tat-tieni l-femminil.

SPJEGA:
Dawn iż-żewġ forom jiġu ppronunzjati l-istess għaliex l-**għ** tilfet leħinha u llum ma tinstemax. Għalhekk nistgħu nitfixklu fejn se nibdew inpoġġuha. Imma anke hawn nistgħu nieħdu mudell. Jekk nieħdu kelma oħra bl-istess forma imma li għandha konsonanti oħra (ngħidu aħna **l**) minflok l-**għ**, malajr nindunaw fejn hu postha. Mela, minflok **tela'** (**T-L-Għ**), **xeba'** (**X-B-Għ**) ħalli nużaw **daħal** (**D-Ħ-L**) u l-kliem bil-**Għ** nibnuh fuqu.

La ngħidu:
***Mark dieħel*** (għax raġel) ***u Anna dieħla*** (għax mara)
niktbu:
***Mark tiela' u Anna tielgħa***
U la ngħidu:
***Samwel imdaħħal*** (mask.) ***u Marija mdaħħla*** (fem.)
mela niktbu:
***Samwel imxebba' u Marija mxebbgħa***

Mela fejn taqa' l-**l** niktbu minflokha l-**għ** (jew ' ).
Eż. oħra:
***Il-bieb wiesa' u t-tieqa wiesgħa.***
***Il-qmis imtebbgħa bil-linka u l-qalziet imtebba' biż-żift.***

~●~

## KELMA B'KELMA

### *It-terminoloġija*

**Retail/Wholesale**

Reuben Seychell

Għal **retail** bil-Malti konna adottajna *bl-imnut* mit-Taljan. L-Ispanjoli jużaw l-istess idea ta' bejgħ fi kwantità żgħira. **Retail** tikkuntrasta ma' **wholesale** li għaliha fil-Malti adottajna *bl-ingrossa* għal bejgħ fi kwantitajiet kbar. Dan kien jagħmel sens meta l-ħajja kienet ibbażata aktar fuq xiri u bejgħ ta' oġġetti tanġibbli, aktar milli astratti u virtwali li joriġinaw mis-settur tas-servizzi. Fl-aħħar 30 sena s-servizzi ħadu t-terminoloġija tas-settur tal-oġġetti u ttrasformaw is-sinifikat tiegħu (u f'xi każijiet, bħal fl-enerġija, reġgħu għaddewh lura lis-settur tal-oġġetti b'din it-tifsira mibdula).

Prinċipalment niltaqgħu mal-użu ta' **retail/wholesale** fi tliet oqsma:

- Merkanzija/oġġetti
- Swieq finanzjarji/servizzi/assigurazzjoni / telekomunikazzjoni
- Swieq tal-enerġija u komoditajiet

**Retail/wholesale** jokkorru ma' kliem bħal:

| | | |
|---|---|---|
| —market | —investor | —investment |
| —prices | —pricing | —investment fund |
| —fund | —price index | —exposure |
| —banking | —store | —customer |

**Bl-ingrossa** u **bl-imnut** mhux biss saru remoti għall-kuntest tal-lum, imma huma wkoll kemxejn maqtugħin mill-prattiki tal-lingwa u r-rilevanza tas-sinifikat.

Dan il-fatt wassal biex f'Malta fis-settur finanzjarju bdew jużaw mhux professjonali għal **retail**, meħuda minn leġiżlazzjoni Ewropea li tiddefinixxi *retail investor* bħala "any investor who is not a professional investor" u dan qabel ma l-istess direttiva tiddefinixxi x'inhu *professional investor*, li normalment jirreferik għall-Anness II tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji: Official Journal L 145 , 30/04/2004 P. 0001 - 0044

Naħseb li kollha naqblu li "mhux professjonali" tista' twassal għal ekwivoku billi l-Malti ma jiddistingwix bejn *unprofessional* u *non-professional* bl-istess mod bħall-Ingliż. Dan id-dubju nistgħu nxejnuh billi għal *unprofessional* nużaw "improfessjonali" u għal *non-professional* nużaw "mhux professjonali" jew "nonprofessjonali". Madankollu, anki jekk "mhux professjonali" taqdina f'dan il-każ (billi nevitaw it-traduzzjoni tat-terminu proprju *retail investor* u niddubbaw minn ieħor *professional investor*), ma ssolvilniex il-problema li għandna fis-setturi l-oħra.

Meta wieħed janalizza **retail** u **wholesale** konċettwalment aktar milli l-prassi fl-Ingliż, isib li kull waħda tiddefinixxi relazzjoni bejn żewġ partijiet fuq livelli differenti (n.b. fil-grafika li ġejja qed jintuża l-Ingliż għaċ-ċarezza tal-kuntest qabel l-introduzzjoni tat-termini bil-Malti):




Dak li jiddistingwi **wholesale** minn **retail** mhuwiex ir-*retailer* li jinsab fiż-żewġ relazzjonijiet, imma l-idea ta' operatur (ekonomiku) u l-idea ta' konsumatur.

Din id-distinzjoni ma toħloq l-ebda dubju lejn xiex wieħed ikun qed jirreferi meta jadottaha. Hija distinzjoni ċara bħal dik bejn "bl-imnut" u "bl-ingrossa" imma terġa' hija wkoll rilevanti fit-tifsira u fl-użu fil-lingwa mitkellma llum (rilevanti għal żminijietna).

Għaldaqstant meta wieħed jara xi kliem li semmejt aktar kmieni li magħhom jokkorru **retail/wholesale** jiġu jidhru kif ġej, meta tuża bl-imnut jew bl-ingrossa u meta b'konsumatur jew operatur skont il-kuntest:

| INGLIŻ | BL-IMNUT | BL-INGROSSA | KONSUMATURI | OPERATURI |
|---|---|---|---|---|
| -market | Suq bl-imnut | Suq bl-ingrossa | Suq tal-konsumaturi | Suq tal-operaturi |
| -investor | Investitur bl-imnut | Investitur bl-ingrossa | Investitur konsumatur | Investitur operatur |
| -investment | Investiment bl-imnut | Investiment bl-ingrossa | Investiment tal-konsumaturi | Investiment tal-operaturi |
| -prices | Prezzijiet tal-bejgħ bl-imnut | Prezzijiet tal-bejgħ bl-ingrossa | Prezzijiet għall-konsumaturi | Prezzijiet għall-operaturi |
| -pricing | Ipprezzar tal-bejgħ bl-imnut | Ipprezzar tal-bejgħ bl-ingrossa | Ipprezzar għall-konsumaturi | Ipprezzar għall-operaturi |
| -investment fund | Fond ta' investiment bl-imnut | Fond ta' investiment bl-ingrossa | Fond ta' investiment għall konsumaturi | Fond ta' investiment għall-operaturi |
| -fund | Fond bl-imnut | Fond bl-ingrossa | Fond għall-konsumaturi | Fond għall-operaturi |
| -price index | Indiċi tal-prezzijiet bl-imnut | Indiċi tal-prezzijiet bl-ingrossa | Indiċi tal-prezzijiet għall konsumaturi | Indiċi tal-prezzijiet għall-operaturi |
| -exposure | Skopertura tal-bejgħ bl-imnut | Skopertura tal-bejgħ bl-ingrossa | Skopertura għall konsumaturi | Skopertura għall-operaturi |
| -banking | Ibbankjar bl-imnut | Ibbankjar bl-ingrossa | Ibbankjar tal-konsumaturi | Ibbankjar tal-operaturi |
| -store* | Ħanut bl-imnut | Ħanut bl-ingrossa | Ħanut bl-imnut* | Ħanut bl-ingrossa* |
| -shop** | Ħanut bl-imnut | Ħanut bl-ingrossa | Ħanut bl-imnut *jew* Ħanut għall-konsumaturi | Ħanut bl-ingrossa *jew* Ħanut għall-operaturi ekonomiċi |
| -customer | Klijent tal-bejgħ bl-imnut | Klijent tal-bejgħ bl-ingrossa | Klijent konsumatur | Klijent operatur |
| -retailer § | Bejjiegħ bl-imnut | | Bejjiegħ bl-imnut *jew* bejjiegħ għall-konsumaturi § | |
| -wholesaler § | | Bejjiegħ bl-ingrossa/grossista | | Bejjiegħ bl-ingrossa *jew* bejjiegħ għall-operaturi |

* "Store" huwa marbut ma' ekonomija lokali u huwa l-post minn fejn jinbiegħu **oġġetti** tanġibbli u fi kwantitajiet ta' unitajiet li faċilment u realment jistgħu jitqiesu bl-ingrossa u bl-imnut. Barra minn hekk, f'dan il-każ l-użu ta' "bl-ingrossa" u "bl-imnut" huwa wieħed attwali u komuni f'Malta. Għaldaqstant għandna nibqgħu nħaddnu dan l-użu.

** "Shop" ukoll huwa marbut ma' ekonomija lokali u huwa l-post minn fejn jinbiegħu **oġġetti** tanġibbli u fi kwantitajiet ta' unitajiet li faċilment u realment jistgħu jitqiesu bl-ingrossa u bl-imnut. Imma minnu jistgħu jinbiegħu **servizzi**, bħal qtugħ ix-xagħar, il-kożmetika, il-poloz tal-assigurazzjoni, it-telekomunikazzjoni, eċċ. Għalhekk, fil-każijiet ta' bejgħ ta' servizzi fil-livell ta' ekonomija lokali, "konsumaturi" u "operaturi" tkun aktar adattata milli "bl-imnut" u "bl-ingrossa".

§ L-istess hawnhekk. Fil-każ tal-ekonomija lokali fejn iseħħu tranżazzjonijiet kummerċjali ta' **oġġetti** u mhux servizzi, nibqgħu nużaw "bl-imnut" u "bl-ingrossa" għaliex hekk jintużaw fil-kuntest lokali u għaliex għandhom referenza reali. Min-naħa l-oħra, fejn qed nitkellmu fuq il-livell ta' ekonomija ġenerali u l-livell ta' ekonomija lokali tas-servizzi, nużaw "konsumatur" u "operaturi ekonomiċi".

Mil-lat ta' traduzzjoni naħseb li b'dan il-mod niggarantixxu traduzzjoni aktar preċiża u xierqa, li tiżgura ċarezza legali fl-oqsma kollha li semmejt fil-bidu. Dawn it-termini bdew jintużaw b'dan il-mod fid-Dipartiment tal-Malti tad-Direttorat Ġenerali tat-Traduzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fl-2009.

*Ħajr lis-Sur Joseph Caruana tal-kontribut tiegħu.*

~●~

**Is-sustanzi kimiċi x'se nagħmlu dwarhom?**
Jeantide Naudi

Żgur mhux forsi li wħud minna ltaqjna ma' għadd ta' dokumenti fejn kellna nħabbtu wiċċna mal-ismijiet tas-sustanzi kimiċi. F'dawn id-dokumenti d-dilemma dejjem tkun l-istess - inħalluhom bl-Ingliż jew naqilbuhom għall-Malti?

Id-dilemma tkun akbar meta d-dokument ikun jinkludi xi tabella b'lista twila ta' dawn is-sustanzi kimiċi. Hawnhekk it-taħbil il-moħħ jiżdied speċjalment meta niltaqgħu mhux biss ma' sempliċi element mit-tabella perjodika bħal, ngħidu aħna, il-kubrit jew iż-żingu, iżda niltaqgħu wkoll ma' komposti organiċi kkumplikati b'ħafna numri, prefissi u suffissi.

*X'se nagħmlu f'dawn is-sitwazzjonijiet?*

Se nittraduċu kollox jew se nħallu wħud bl-Ingliż u oħrajn bil-Malti? F'dan il-każ il-passat żgur li mhuwiex garanzija għall-futur għaliex f'pubblikazzjonijiet preċedenti nsibu ftit minn kollox.

*Żviluppi reċenti*

Dan l-aħħar kellna għadd ta' dokumenti ta' dan it-tip fejn kellna nittraduċu leġiżlazzjoni li kienet qed tiġi emendata u fejn fid-dokument preċedenti kien hemm din is-sitwazzjoni preċiża, jiġifieri Anness b'lista ta' sustanzi kimiċi fejn uħud kienu bil-Malti u oħrajn bl-Ingliż.

Tkellimna mal-kollegi tagħna tal-Kunsill fi Brussell u permezz ta' kuntatt mal-ġuristi lingwisti tagħhom ipprovdewlna tweġiba dwar kif għandna naħdmu f'dawn il-każijiet. It-tweġiba kienet din li ġejja:

*«Mil-lum 'il quddiem, fir-rigward ta' termini kimiċi, it-taqsimiet traduttivi MT tal-istituzzjonijiet jadottaw l-ismijiet tal-kimiċi fuq mudell intern stabbilit skont it-traduzzjonijiet ekwivalenti fil-IATE tal-lingwa Taljana u dik Franċiża. Anke jekk xi dipartiment tal-Gvern MT ikun qiegħed juża xi varjazzjoni morfoloġika ta' xi terminu kimiku partikolari, jiġifieri t-terminu ma jkunx morfoloġikament eżattament simili għall-mudell MT intern stabbilit mill-istituzzjoni konċernata fl-istrument leġiżlattiv partikolari tal-UE, l-ekwivalenza terminoloġika m'għandhiex tiġi miċħuda. Naħsbu li kulħadd jista' jimxi fuq din il-presunzjoni.»*

Permezz ta' din il-komunikazzjoni mal-Kunsill skoprejna wkoll li fil-fatt fil-Kunsill is-sistema li tintuża għat-traduzzjoni tas-sustanzi kimiċi hija simili ħafna għal dik li nużaw aħna, fil-Kummissjoni, u bħalissa għaddejja ħidma sabiex narmonizzaw il-linji gwida interni tagħna ma' dawk tagħhom u flimkien mal-istituzzjonijiet l-oħra noħolqu linji gwida komuni għal dan il-għan. Fil-biċċa l-kbira, aħna u l-Kunsill nimxu skont il-verżjoni bit-Taljan u mbagħad naddattawha għall-Malti skont il-proċessi lingwistiċi tipiċi li jseħħu f'dawn il-każijiet.

*Imma sadanittant l-ismijiet kimiċi kif se nittraduċuhom?*

Sakemm jiġu ffinalizzati dawn il-linji gwida interistituzzjonali se nagħti xi ftit eżempji tas-sistema li nistgħu nsegwu meta niltaqgħu ma' dawn it-termini. Hawnhekk nixtieq irrodd ħajr lit-tradutturi li qabli kienu diġà wettqu ħidma simili li permezz tagħha stajt nislet u niżviluppa din is-sistema għat-traduzzjoni tal-elementi kimiċi li la hija eżawrjenti u lanqas ma hija finali.

*L-elementi tat-tabella perjodika*

Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-elementi diġà nsibuhom fil-IATE kif ukoll f'Aquilina, li jkopri għadd kbir minnhom. Għalhekk, dawn m' għandhomx ikunu problematiċi wisq, eż. merkurju, fosfru, nitroġenu, eċċ. Hawnhekk naħtaf l-okkażjoni biex inħeġġiġkom tużaw il-IATE waqt xogħolkom għax f'dawn l-aħħar xhur sar ħafna xogħol u l-għadd ta' termini żdied b'mod sostanzjali.

*Il-komposti kimiċi*

Dawn jistgħu jkunu ta' żewġ tipi: organiċi jew inorganiċi.

• Il-komposti organiċi
***L-alkani***: dawn huma familja ta' idrokarburi saturati *(saturated hydrocarbons)* u għandhom isem speċifiku, eżempju $CH_4$ huwa *methane*, bil-Malti metan, $C_2H_6$ *ethane* = etan, $C_6H_{14}$ *hexane* = eżan. It-traduzzjoni ta' dawn hija sempliċi għaliex il-prefiss jissimbolizza l-għadd ta' atomi tal-karbonju fil-katina ta' molekuli, eżempju 'hex-' = 'eż-' (sitt atomi tal-karbonju) u s-suffiss huwa dejjem '-ane' = '-an' minn *alkane* = alkan.

Għalhekk:
*octane* = ottan
*decane* = dekan

F'każ ta' diffikultà fittex il-prefiss f'Aquilina u s-suffiss '-ane' huwa dejjem '-an'.

***Iċ-ċikloalkani***: dawn huma alkani f'forma ta' ċirku u għalhekk ikollhom il-prefiss '*cyclo-*' = 'ċiklo-'.

Eżempju: *cycloheptane* = ċikloettan

***L-alkani bil-friegħi***: Dawn ġeneralment ikunu jinkludu għadd ta' friegħi u għalhekk jinkludu numri separati b'virgola biex jindikaw il-pożizzjoni tal-friegħi u prefiss li jindika l-għadd ta' friegħi: 'di-', 'tri-', 'tetra-', eċċ.

Eżempju: 3-*ethyl*-4-*methylhexane* = 3-etil-4-metileżan (kif wieħed jista' josserva, il-prefissi kemm jingħataw sura ortografika Maltija).
✋Hawnhekk importanti li nżommu s-sekwenza eżatt kif inhi fl-Ingliż.

***L-alkeni u l-alkini***: hawnhekk is-suffiss se jkun '-ene' li bil-Malti niktbuha '-en', jew '-yne' li bil-Malti ssir '-in'.

Il-gruppi funzjonali fil-komposti organiċi jistgħu jkunu varji. L-alkani, l-alkeni u l-alkini kienu l-gruppi tal-alkili iżda jista' jkollna wkoll fost l-oħrajn:

- L-aloġeni *(halogens)* fejn fl-istruttura nsibu mdaħħal il-prefiss 'fluworo-', 'kloro-', 'jodo-', 'bromo-', eċċ. skont l-aloġen involut.
- L-alkoħols fejn fl-istruttura nsibu s-suffiss '-ol'.
- L-ammini *(amines)*, hawnhekk is-suffiss ikun '-ammin'.
- L-aldeidi *(aldehydes)* bis-suffiss '-al'.
- L-ammidi *(amides)* bis-suffiss '-ammid'.

Għalhekk ladarba nidraw nagħrfu dawn is-suffissi u l-prefissi fl-istruttura sħiħa ta' kompost organiku, it-traduzzjoni tagħhom ssir aktar sempliċi u sistematika.

Eżempju:

EN: 4-*bromo*-2-(4-*chlorophenyl*)-1-(*ethoxymethyl*)-5-(*trifluoromethyl*)-1H-*pyrrole*-3-*carbonitrile*

MT: 4-bromo-2-(4-klorofenil)-1-(etossimetil)-5-(trifluworometil)-1H-pirrol-3-karbonitril

• Il-komposti inorganiċi
***Il-joni (ions)***: Dawk pożittivi ġejjin minn metall, eż. jonu tas-sodju $Na^+$, tal-ammonju $NH_4^+$ jew tal-merkurju $Hg_2^{2+}$ u dawk negattivi minn nonmetall eż. jonu tal-idrid $H^-$, tal-ossidu $O_2^-$ jew tas-sulfid $S_2^-$.

✋ Il-komposti joniċi ma jimxux skont il-mudell Ingliż iżda jsegwu dak Taljan jew Franċiż. Għalhekk għal *ammonium sulfate* niktbu ☑ sulfat tal-ammonju, u mhux ☒ ammonju tas-sulfat.

***Il-komposti kovalenti***: nużaw l-istess regola.
Eż. *nitrogen fluoride* – ☑ fluworid tan-nitroġenu, u mhux ☒ nitroġenu tal-fluworid.

Xi eżempji oħra ta' termini li jistgħu jkunu problematiċi waqt it-traduzzjoni:

*bromide* = bromur, filwaqt li bromate = bromat
*chloride* = klorur, filwaqt li chlorate = klorat
*fluoride* = fluworur
*halide* = alid
*sulphide* = sulfid
*sulphate* = sulfat

F'każ ta' diffikultà nikkonsultaw il-IATE u nsegwu l-mudell Taljan li spiss ikun utli ħafna sabiex nittraduċu dawn it-termini.

***Nota editorjali****: Bi pjaċir inħabbru li, b'segwitu għall-kollaborazzjoni u l-ħidma li qed titwettaq f'dan il-qasam mal-kollegi tagħna tal-Kunsill fi Brussell, fil-ħarġa li jmiss se jkollna artiklu ieħor, din id-darba min-naħa tagħhom, li jitkellem aktar dwar dan is-suġġett kif ukoll joffri annessi utli għat-traduzzjoni ta' dawn it-termini kimiċi.*

~●~

**Il-Lvant tal-Mediterran jew il-Mediterran tal-Lvant?** *(spunt għad-diskussjoni)*
Antoine Cassar

Xi minn daqqiet, fil-qari kif ukoll fil-kitba, l-użu tal-prepożizzjoni **fi** + **ta'** flimkien mad-direzzjonijiet kardinali jinftiehem biss permezz ta' kuntest magħruf. Jekk inqabblu ż-żewġ eżempji li ġejjin, nintebħu mill-ewwel li l-istess struttura grammatikali tintuża għal żewġ tipi ta' relazzjoni differenti:

(a) "Ragusa tinsab fin-Nofsinhar ta' Sqallija"
(b) "Malta tinsab fin-Nofsinhar ta' Sqallija"

Fil-każ ta' dawn iż-żewġ sentenzi, ftit li xejn hemm lok għat-taħwid, għaliex il-kuxjenza ġeografika tal-qarrej Malti tgħinu jiddistingwi – b'mod inkonxju, m'hemmx xi ngħidu – bejn ir-relazzjoni spazjali 'ġerarkika' (post li jinsab f'medda ta' art ikbar) u bejn ir-relazzjoni ta' direzzjoni fl-ispazju (post li jinsab f'ċertu bogħod minn ieħor). Sa hawn il-problemi għadhom ma tqajmux, iżda meta niġu biex nirreferu għal imkejjen inqas magħrufin – kif isir ta' sikwit f'ċerti testi tradotti fi ħdan id-DĠT, li jiddeskrivu jew jiddelimitaw żoni ġeografiċi għal finijiet ta' amministrazzjoni, ippjanar tat-trasport, tiftix ta' riżorsi u l-bqija – tali kuxjenza ġeografika x'aktarx li ma taqdiniex, u jkollna diffikultajiet kbar biex ninterpretaw jekk il-post imsemmi jinsabx f'post ikbar, jew jekk ikollniex insibuh bil-warda tal-irjieħ. Nieħdu żewġ sentenzi oħra:

(ċ) "Vallecas tinsab fil-Lvant ta' Madrid"
(d) "Alcalá de Henares tinsab fil-Lvant ta' Madrid"

Mingħajr l-għajnuna ta' mapep, kif jista' wieħed ikun jaf liema mill-imkejjen imsemmija jinsab *f'*Madrid u jifforma parti minnha, u liema wieħed jinsab *barra* minnha?

F'każ bħal dan, possibbiltà minnhom tkun l-użu tal-prepożizzjoni *ġo / ġewwa* ("Vallecas tinsab ġol-Lvant ta' Madrid"), bħallikieku l-medda ta' art ikbar kienet speċi ta' kaxxa magħluqa, bil-fruntieri delimitati sew. B'dan il-mod inkunu qed insewgu użu li minn ftit tas-snin 'l hawn kulma jmur qed jinstema' aktar, inkluż fil-mezzi ta' komunikazzjoni, fejn il-prepożizzjoni *fi* toħdilha postha *ġo/ġewwa*, eż. "ninsabu *ġewwa* Madrid", "Kastilja tinsab *ġewwa* l-Belt". M'hemmx xi ngħidu, mhux talli mhix meħtieġa din is-sostituzzjoni tal-prepożizzjoni – sikwit meqjus bħala abbuż –, talli spiss m'hi meħtieġa l-ebda prepożizzjoni, u wieħed jista' jgħid mingħajr tlaqliq "ninsabu Madrid", "Kastilja tinsab il-Belt". Madankollu, fil-każ tar-relazzjoni ġeografika ta' appartenenza u l-eżempju ta' Vallecas, it-twessigħ tal-medda semantika tal-prepożizzjoni *ġewwa* biex ma tirreferix biss għal postijiet jew oġġetti li jagħlqu/jingħalqu, jaf

jiswielna biex naħarbu l-ambigwità msemmija. Minkejja l-abbuż grammatikali li ġej minnu tali użu, is-sentenza "Ragusa tinsab ġon-Nofsinhar ta' Sqallija" m'għandhiex għalfejn ma ddoqqx, u l-idea ta' ċertu għeluq li l-prepożizzjoni *ġewwa* tħaddan fiha tiċċara l-interpretazzjoni.

Soluzzjoni eżistenti oħra hija li tinqaleb ftit is-sintassi, b'mod li ssir distinzjoni bejn l-ordni [post + riħ] għal-lokalizzazzjoni ta' post ġo medda ikbar, u bejn l-ordni [riħ + post] għad-direzzjoni spazjali. Skont din id-distinzjoni, is-sentenzi (a) u (ċ) ta' hawn fuq isiru "Ragusa tinsab fi Sqallija tan-Nofsinhar", "Vallecas tinsab f'Madrid tal-Lvant". Dan però joħloqilna problema oħra – il-bżonn li niddistingwu bejn żoni definiti u stabbiliti (eż. *The North Atlantic Sea*, distinta mis-*South Atlantic Sea* skont ftehimiet u konvenzjonijiet internazzjonali) u bejn meded li jiġu indikati f'każijiet partikulari u s-soltu mingħajr delimitazzjoni miftiehma, bħala parti 'ġenerali' ta' żoni definiti (eż. *The North-Eastern Atlantic*). Mingħajr ma nidħlu fl-interpretazzjonijiet possibbli tal-'Atlantiku ta' Fuq' u l-'Atlantiku t'Isfel', ta' għajnuna biss b'referenza għal żewġ direzzjonijiet kardinali, l-intuwizzjoni tgħidilna li l-meded tal-*Atlantiku tat-Tramuntana* u tat-*Tramuntana tal-Atlantiku* mhux bilfors jikkoinċidu: filwaqt li tal-ewwel hija ddelimitata b'mod uffiċjali, u għaldaqstant hija kunċett aktar politiku milli strettament ġeografiku, tat-tieni tirreferi għal medda ħafna aktar vaga, li tibda u tispiċċa fejn jogħġob lill-kelliem jew lill-qarrej. Jekk dan huwa minnu, terġa' tidħol l-ambigwità fl-interpretazzjoni tas-sentenza "Ragusa tinsab fi Sqallija tan-Nofsinhar": bi *Sqallija tan-Nofsinhar* qegħdin nirreferu għal żona politika u amministrattiva, jew sempliċement għal direzzjoni approssimattiva minn punt ċentrali (u mhux identifikat) ta' Sqallija?

Għalkemm forsi ftit sfurzata minkejja l-loġika tagħha, soluzzjoni oħra x'aktarx tkun li nżommu d-distinzjoni sintattika [fi (post) ta' (riħ)] / [fi (riħ) ta' (post)] rispettivament għaż-żoni delimitati u stabbiliti [fl-Atlantiku tat-Tramuntana] u għall-meded mhux delimitati ta' żoni li jibqgħu vagi [fit-Tramuntana tal-Atlantiku]. Imbagħad, għar-relazzjoni spazjali bejn żewġ punti – jiġifieri d-direzzjoni minn punt għal ieħor – tibqa' tintuża l-prepożizzjoni **fi**, iżda flimkien mal-prepożizzjoni **minn** flok **ta'**:

"Malta tinsab fin-Nofsinhar **minn** Sqallija"

Jekk tqabbel din is-sentenza pereżempju ma' "Malta tinsab 'l isfel **minn** Sqallija"
tinduna li l-prinċipju huwa eżattament l-istess. Xi eżempji oħra:

"Alcalá de Henares tinsab fil-Lvant **minn** Madrid"

"L-arċipelagu tal-Ażores jinsab xi 3,900 kilometru fil-Lvant **mix**-xatt tal-Amerika ta' Fuq, u madwar 1,500 kilometru fil-Punent **mix**-xatt tan-Nofsinhar tal-Portugall."

F'dawn l-eżempji, l-idea ta' direzzjoni u ta' punt ta' tluq toħrog aktar ċara. Minkejja l-loġika wara dan l-użu possibbli, f'għajnejn u f'widnet il-qarrej ċertament issib reżistenza qawwija, għax is-saħħa tad-drawwa titlob mod ieħor. Tgħid għad naqbdu art, jew inkunu tlifna l-boxxla?




Disinn ta' Stephanie Bugeja

## MILL-GĦATBA 'L BARRA

*Aspetti oħra*

**Ħarsa lejn il-lingwa Maltija** – L-*International Programme in Maltese Linguistics (2010)*
Michael Apweiler

F'Marzu li għadda nżilt Malta għal ġimgħa u nofs qabel il-Għid biex nieħu sehem fl-*International Programme in Maltese Linguistics*, seminar fuq bosta aspetti diversi tal-ilsien Malti, organizzat minn Dr Sandra Vella — Senior Lecturer fil-Fonetika u l-Fonoloġija — fil-bini tal-Università l-Qadima, Triq San Pawl, il-Belt.

Din kienet it-tieni darba li ġie organizzat dan il-programm internazzjonali, wara li s-sena l-oħra kienet ġiet organizzata s-*Summer School in Maltese Linguistics*. Hija okkażjoni fejn il-parteċipanti jingħataw l-opportunità jiffamiljarizzaw ruħhom ma' lsienna, kemm fis-sens akkademiku kif ukoll f'dak soċjali.

Kien programm mimli: taħditiet bħal *The phonetics and phonology of Maltese*, *Maltese prosody*, *Word formation*, *The Arabic element in Maltese*, *Computer technologies and Maltese*, *Xi żviluppi lingwistiċi fil-Letteratura Maltija* u bosta oħrajn. Il-kelliema, biex insemmi biss ftit, kienu Albert Borg, Joe Brincat, Manwel Mifsud u Adrian Grima.

Interessanti wkoll kienet il-preżentazzjoni dwar il-Lingwaġġ tas-Sinjali bil-Malti, li jiena ma kontx naf li jeżisti (kont dejjem naħseb li l-lingwaġġ tas-sinjali huwa lingwaġġ universali li tista' tużah kullimkien!).

Il-parteċipanti ġew minn pajjiżi differenti (il-Pajjiżi l-Baxxi, Franza, l-Ingilterra, il-Ġermanja, l-Istati Uniti u l-Kanada) u ma kinux kollha speċjalisti tal-lingwistika xjentifika – imma kollha kellhom interess kbir fl-ilsien Malti, fl-istorja tiegħu u fil-kultura Maltija.

Barra l-programm fil-klassi kellna wkoll l-opportunità li nattendu għal avvenimenti kulturali bħall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, teatru tat-triq fl-Imdina dwar it-tbatija ta' Ġesù, u żjara f'Għawdex (il-Ġgantija u l-Mitħna ta' Kola, it-tnejn ix-Xagħra).

Iktar informazzjoni dwar dan il-programm tista' ssibu fis-sit elettroniku tal-Università ta' Malta (International Programme 2010).

~●~

**Analiżi ta' testi tradotti**
Vanessa Borg




Il-Ġimgħa 23 ta' April, is-Sur George Farrugia, Viċi President tal-Akkademja tal-Malti u membru tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, kien mistieden mid-Dipartiment tal-Malti fid-DĠT tal-Kummissjoni Ewropea biex fil-kapaċità personali tiegħu jagħti kors ta' ġurnata bl-isem "Analiżi lingwistika ta' testi ppubblikati bil-Malti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*". L-għan ewlieni ta' dan il-kors kien li janalizza b'mod kostruttiv xogħol it-tradutturi Maltin li jaħdmu mal-Kummissjoni Ewropea. L-analiżi lingwistika li għamel is-Sur Farrugia kienet tiffoka fuq erba' punti ewlenin: is-sintassi, l-espressjoni, il-grammatika, u l-ortografija tat-testi tradotti għall-Malti.

Fl-introduzzjoni s-Sur Farrugia fakkarna fil-qosor dwar xi prinċipji ewlenin li t-traduttur għandu dejjem iżomm f'moħħu waqt il-proċess tat-traduzzjoni. Huwa enfasizza li t-traduttur għandu dejjem jikkunsidra lill-qarrej ta' xogħlu u kemm jista' jkun għandu jevita li juża sentenzi

twal ħafna li jistgħu jfixklu lill-qarrej milli jifhem il-ħsieb prinċipali tat-test. It-traduttur għandu wkoll, kemm jista' jkun, jagħżel kliem li jinftiehem mill-udjenza tiegħu u mhux juża kliem bombastiku, li ma jirriflettix is-sitwazzjoni lingwistika reali, biex jimpressjona. Barra minn hekk, it-traduzzjoni għandha tkun konsistenti u mexxejja tant li l-qarrej lanqas biss għandu jinduna li t-test ikun traduzzjoni.

B'rabta ma' dan, is-Sur Farrugia identifika għadd ta' siltiet minn dokumenti ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali* u, b'mod interattiv ħafna, iddiskuta mat-tradutturi kif, bi ftit aktar attenzjoni, jistgħu jtejbu ċerti partijiet ta' dawn is-siltiet. Għalkemm it-traduttur għandu jibqa' kemm jista' jkun leali lejn it-test li jkollu quddiemu, dan ma jfissirx li biex iwassal l-istess messaġġ għandu jibqa' marbut mas-sintassi tat-test fil-lingwa oriġinali, li mhux bilfors tkun korretta fil-Malti. L-istess jgħodd għat-traduzzjoni ta' ċerti kelmiet jew frażijiet li ssirilhom traduzzjoni litterali meta minflokhom ikunu jistgħu jintużaw espressjonijiet b'Malti aktar mexxej u li jinftiehem aħjar.

Il-kors kompla b'diskussjoni dwar xi punti grammatikali u ortografiċi li għadhom joħolqu diffikultajiet, bħall-użu tal-forma femminili għall-plural, l-użu tal-verb awżiljarju u l-ġeminazzjoni tal-konsonanti fil-bidu tal-parteċipju passiv.

Is-Sur Farrugia ffoka t-tieni taqsima tal-kors fuq taħriġ prattiku fl-ortografija wara li ta ħarsa ġenerali lejn id-*Deċiżjonijiet 1* tal-Kunsill tal-Malti b'attenzjoni partikolari għall-iktar punti importanti li jidher li għadhom ma ndrawx biżżejjed. Il-korrezzjoni kollettiva tat-taħriġ li qassam is-Sur Farrugia qanqlet diskussjoni ħajja u interattiva fost dawk preżenti. Id-Dipartiment tal-Malti fid-DĠT tal-Kummissjoni jirringrazzja lis-Sur Farrugia tal-preżentazzjoni tassew interessanti tiegħu u jalla fil-futur ikollna korsijiet oħra bħal dawn biex il-kwalità ta' xogħolna tkompli titjieb.

~•~

**L-iċken tnejn**
Alessandro Mangion

Nhar it-Tlieta, l-1 ta' Ġunju, id-DĠT organizza taħdita dwar il-Malti u l-Irlandiż, bit-tema *The charms of two new EU languages – and what "EU-status" gives them in return*. Il-kelliema tal-forum, li sar fil-binja Jean Monnet tal-Kummissjoni Ewropea fil-Belt tal-Lussemburgu, kienu l-Prof. Antoinette Camilleri-Grima dwar il-Malti u s-Sur Seán Ó Riain dwar l-Irlandiż.

L-Irlandiż huwa l-ilsien nazzjonali u l-ewwel ilsien uffiċjali tar-Repubblika tal-Irlanda, filwaqt li l-Ingliż huwa t-tieni lsien uffiċjali. Fil-provinċja tal-Irlanda ta' Fuq fir-Renju Unit, l-Irlandiż huwa lsien minoritarju b'għarfien uffiċjali.

Il-Malti sar ilsien uffiċjali tal-UE mas-sħubija ta' Malta fl-1 ta' Mejju tal-2004, filwaqt li l-Irlandiż kiseb dan l-istejtus fl-1 ta' Jannar tal-2007. Minħabba diffikultajiet biex jinstabu biżżejjed tradutturi, għalissa hija biss firxa limitata ta' dokumenti tal-UE li tinqaleb għall-Irlandiż. Din id-deroga għandha tiġi rriveduta aktar tard din is-sena u tista' tiġġedded. Il-Malti kien igawdi minn deroga simili sa tmiem April tal-2007.

Iż-żewġ kelliema pprovdew tagħrif dwar il-karatteristiċi bażiċi, l-istejtus uffiċjali, l-użu, kif ukoll l-oriġini u l-iżvilupp storiku tal-Malti u l-Irlandiż. Tkellmu wkoll dwar ir-realtajiet bilingwi li jeżistu fiż-żewġ gżejjer u dwar l-istejtus uffiċjali tal-ilsna nazzjonali tagħhom fl-UE.

Fost affarijiet oħrajn, il-Prof. Camilleri-Grima qajmet il-punt li fis-snin disgħin kien hemm min esprima l-biża' li l-Maltin kienu qed iwarrbu l-Malti u jużaw aktar l-Ingliż, fil-kuntest tal-fatt li għadd ikbar ta' familji kienu qed jużaw l-Ingliż bħala l-lingwa tal-komunikazzjoni fid-dar. L-istatistika turi li hija biss minoranza ta' madwar 2% li tuża l-Ingliż għal dan l-iskop. Hija rrimarkat li wieħed mill-effetti tal-fatt li l-Malti sar ilsien uffiċjali tal-UE seta' kien li ma ħalliex li din ix-xejra tkompli tiżviluppa, billi ta lill-

ilsien nazzjonali stejtus u rilevanza internazzjonali li sa dak il-punt ma kellux. Barra minn hekk, fil-konkret, dan l-iżvilupp fisser li nfetħu, għal min jaf iħaddem il-Malti tajjeb bħala lsien matern, gzuz ta' opportunitajiet ta' xogħol, kemm f'Malta kif ukoll fl-istituzzjonijiet tal-UE. Is-suq limitat tal-Malti nfetaħ sostanzjalment.

Il-Prof. Camilleri-Grima qalet li l-ksib tal-istejtus ta' lsien uffiċjali tal-UE wassal biex tħaffef il-pass biex f'Malta jsiru żviluppi importanti għall-Malti. Hekk, ngħidu aħna, fl-2004 ngħadda l-ewwel Att dwar l-Ilsien Malti, li stabbilixxa l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. Sena qabel, il-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta varat l-ewwel Masters fit-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni, u eventwalment ħolqot Dipartiment għall-Istudji dwar it-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni. Minn mindu Malta daħlet fl-UE, anki l-għadd ta' studenti li jistudjaw il-Malti fil-livell universitarju żdied qatigħ (250 sentejn ilu, 297 is-sena l-oħra, 358 dis-sena).

**Origin of Maltese lexemes**
(Bovington 2006)

| | Aquilina | Maltilex |
|---|---|---|
| Arabic | 33% | 41% |
| Sicilian | 4% | |
| Italian | 48% | 54% |
| English | 6% | 4% |
| Other/unknown | 9% | 1% |

*Statistika murija waqt it-taħdita, imsejsa fuq żewġ bażijiet differenti tad-dejta (id-dizzjunarju ta' Aquilina u l-lessiku tal-komputazzjoni Maltilex), dwar in-nisel tal-unitajiet minimali fil-vokabularju tal-Malti. Iċ-ċifri huma fl-istess ilma. Il-Maltilex ma jifridx bejn in-nisel Sqalli u dak Taljan. (Antoinette Camilleri-Grima)*

| Oriġini Semitika | Oriġini Rumanza |
|---|---|
| għotja | donazzjoni |
| sliem | paċi |
| wisgħa | spazju |
| leħen | vuċi |
| ilsien | lingwa |
| taħdita | preżentazzjoni |

*Fenomenu interessanti li jirriżulta mill-fatt li l-Malti xorob kemm mill-għajn Semitika kif ukoll minn dik Rumanza huwa l-eżistenza ta' diversi sinonimi, waħda Semitika u l-oħra Rumanza. Dan ma jfissirx li, biż-żmien, ma żviluppawx differenzi żgħar fil-konnotazzjonijiet tal-kelmiet u f'kif jintużaw f'kuntesti partikulari. (Antoinette Camilleri-Grima)*

Fost l-aspetti li ffoka fuqhom is-Sur Ó Riain, kien hemm dak li meta l-Irlanda ssieħbet f'dik li kienet il-Komunità Ekonomika Ewropea fl-1973, il-Gvern tal-pajjiż ma kienx talab li l-Irlandiż isir wieħed mill-ilsna uffiċjali. Fil-fatt, dak iż-żmien l-Irlandiż ingħata biss l-istejtus ta' Lsien tat-Trattati. Matul is-snin, hekk kif il-gvernijiet Irlandiżi bdew jagħfsu aktar fuq it-tixrid tal-għarfien tal-Irlandiż, bdiet issir aktar ironika l-biċċa li l-ixprunar li kien qed isir fuq il-front domestiku ma kienx qed isir ukoll fil-livell Ewropew. Id-dikjarazzjoni tal-Malti, l-ilsien nazzjonali tal-iċken Stat Membru, bħala lsien uffiċjali tal-UE sewa ta' ġid għall-kampanja favur li anki l-Irlandiż jingħata dan l-istejtus, għax żiedet il-pressjoni fuq l-awtoritajiet Irlandiżi biex jieħdu azzjoni konkreta f'dak is-sens.

~●~

## TISLIBA KRIPTIKA 3




© Antoine Cassar 2010.

Fit-tisliba kriptika, aktar milli jagħtu sinonimi jew definizzjonijiet tal-kelma mfittxa, il-mistoqsijiet jagħtu ħjiel ta' kif għandek tibni l-kelma, spiss permezz ta' anagrammi. Regoli ċari ma hemmx, iżda ladarba tkun qbadt il-loġika partikulari tal-mistoqsijiet, tidraha malajr.

F'din il-ħarġa, ir-risposti kollha huma ismijiet ta' kontinenti, gżejjer, reġjuni, bliet jew irħula, Maltin jew barranin. Nieħdu bħala eżempju l-mistoqsija 21 mimdudin:

21 Magda, fis-sakra (10)

Jekk 'inħawdu' ftit l-ittri tal-kliem 'Magda' u 'sakra', naslu għat-toponimu *Madagaskar*.

Ħudu pjaċir. Bħas-soltu, għal raġunijiet prattiċi, l-għajn (għ) u l-ie jieħdu żewġ kaxex.

MIMDUDIN

1 Ħarġet mill-kaverna kollha għadab, u b'ċerta swidija (8, 7)
7 Dir-ragħwa donnha tal-kina, jew kważi (9)
8 Żid ftit rimi u ssib ħafna kotba (7)
9 Fil-Paċifiku, gżejjer kollhom likur? (5)
10 Fejn Tommaso tilef nofs ommu (5)
12 Għadajjar fin-Niġerja? (5)
13 U l-arja? Tas-swat (9)
15 Ħelu tamal kieku dal-pajjiż, jekk jirranġawh ftit (5)
16 Rikeb il-karru u spiċċa taħt l-ilma (10)
18 Xmara fejn jinħabbu r-Russi u ċ-Ċiniżi? (4)
21 Magda, fis-sakra (10)
22 Dik in-naħa tal-għalqa, hemm daħla (4)
24 Bwieb is-sema donnhom żammew (8)
25 Il-vjaġġ twil ta' Katia, jew ta' Kavafis (5)

WEQFIN

1 Mitlufa fil-magna, tilfet musmar (4)
2 Fejn Noé nqabad fin-nassa? Mhux eżatt (8)
3 Farka immensa, fin-nofs (6)
4 Saq lejn Ħal-Lija u qasam il-fliegu (8)
5 Fejn torqod il-paċi (3, 2, 6)
6 Nista' niffanga ftit? (10)
10 Babbu qam, u sab ruħu wara l-mina (6)
11 Kważi farfett, tgħix fuq bastiment (7)
14 Sultan tal-karti, fuq jott (5)
17 Gala ta' vera, mal-Atlantiku (7)
18 Waqa' l-ass? Iva, iva! (6)
19 Fejn iltaqgħu Ugo u Dana, ma' qadd l-Afrika (6)
20 'Tħobbni?' saqsiet l-Amerikana bit-Taljan… (5)
23 Fil-Punent tal-Indja, il-foga bdiet tonqos (3)

### Soluzzjoni Tisliba Kriptika 2

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| I | L | M | A | | B | A | L | L | O | T | T | R | A | |
| | A | | M | | E | | | U | | R | | E | | Ċ |
| I | N | T | E | R | N | A | Z | Z | J | O | N | A | L | I |
| | Ġ | | R | | E | | | Z | | N | | T | | R |
| Ħ | A | L | I | | F | E | L | U | | K | L | I | M | A |
| | S | | K | | I | | A | | A | | A | | | S |
| K | A | L | A | N | Ċ | | V | E | N | E | R | A | T | A |
| | | | N | | Ċ | | A | | T | | I | | | |
| P | A | T | A | F | J | U | N | | E | T | N | I | K | A |
| A | | | T | | U | | D | | Ċ | | G | | R | |
| R | A | Ħ | A | L | | M | A | R | E | M | O | T | I | |
| A | | A | | A | | U | | | D | | F | | T | |
| G | | K | A | P | U | T | | D | E | M | O | | I | |
| U | | E | | E | | U | | | N | | N | | K | |
| N | O | M | | S | E | R | B | U | T | | U | Ċ | U | Ħ |

**Din il-pubblikazzjoni hija disponibbli wkoll f'dan l-indirizz**

http://ec.europa.eu/dgs/translation/publications/magazines

Jekk tixtieq tikkontribwixxi f'dan il-bulettin, iktbilna hawn: l-accent@ec.europa.eu

***Koedituri***: *Antoine Cassar, Alessandro Mangion, Louise Vella*

***Ikkontribwew ukoll***: *Stephanie Bugeja, Rowena Schranz, Alan Xuereb, Alan Delia*

***Impaġnar***: *Chris Galea*

**Ċaħda**

Il-Kummissjoni Ewropea, u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha, mhumiex responsabbli għall-użu li jsir jew li jista' jsir mit-tagħrif inkluż f'din il-pubblikazzjoni. Dan il-bulettin mhuwiex pubblikazzjoni uffiċjali, u la l-Kummissjoni, u lanqas is-servizzi tagħha, ma huma marbutin b'xi mod jew ieħor mill-kontenut tiegħu.